MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Numru. 171/2007

Il-**Pulizija**

**Spettur Carmelo Magri**

**VS**

**Marius Scerri, iben Mario u Emilia nee' Azzopardi, imwieled Tal Pieta' nhar il-21 ta' Dicembru, 1987, residenti fil-fond numru 58, Triq Fra Diegu, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' numru 6788M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Marius Scerri** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta' Frar, 2006, ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija, f'Xatt Pinto, Valletta, irrenda ruhu bhala komplici f'delitt meta Joshua Grima spara arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Marie Claire Calleja, Joanne Bonello, u Eric Farrugia, b'dan illi b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-awtur, inkella sahhahlu l-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghdu li wara l-fatt jassistieh jew jieqaf mieghu;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skont il-Ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew

issekwestra lill-istess Marie Claire Calleja, Joanne Bonello u Eric Farrugia kontra l-volonta' taghhom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Marie Claire Calleja, Joanne Bonello, u Eric Farrugia, jaghmlu, ihallu jsir, jew jonqsu milli jaghmlu xi haga.

Rat illi moqrija l-istess, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati taghhom, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-Avukat Generali baghat ukoll il-kunsens ghall-istess proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, u ezaminat ghalhekk bir-reqqa l-provi kollha migjuba.

Rat ukoll illi gie prezentat il-proces verbal tal-incident li wassal ghall-akkuzi in ezami (folio 20), incident dwar allegat sparatura li sehhet ix-Xatt Pinto, il-Belt Valletta.

Xehed ghalhekk l-**Ispettur Carmelo Magri** (dak iz-zmien) illi qal li wara li gie nfurmat bl-incident in ezami, hu kellem lill-vittmi – certu Marie Claire Calleja, Joanne Bonello, u Eric Farrugia, dawn identifikawlu bhala l-aggressur principali lil certu Joshua Grima. Xehed l-Ufficjal Prosekutur illi dan skondthom kien akkumpanjat minn persuna ohra li aktar tard Marie Claire Calleja kienet identifikat bhala Marius Scerri. L-Ufficjal Prosekutur kompla jixhed illi fuq tali nformazzjoni, hu kien arresta lill-imputat li kien irrilaxxa stqarrija wara d-debita twissija – ezebita din bhala Dok MS. Ezebixxa wkoll kopja tal-fedina penali tal-imputat, Dok MS1.

Jinghad ukoll illi fl-istqarrija msemmija Marius Scerri - ghazel kif kellu dritt, illi ma jixhidx. Kellu tmintax(18)-il sena meta din giet rilaxxata. Il-fedina penali tieghu ghalkemm mhix ghal kollox nadifa, kienet mittiefsa biss b'reat relatat ma' sewqan.

Xehdet ix-xhud okulari **Joanne Bonello**. Qalet illi fit-8 ta' April, 2006, hi u shabha Marie Claire Calleja u certu Eric Farrugia kienu hargu minn tieg. Telqu minn triq mill-Phoenicia u kienu nezlin fit-triq lejn il-Water Front. Kienet qieghda ssuq Marie Claire. Din tal-ahhar indikat illi kellha karozza hdejha li kienet qed tigi misjuqa mill-ex boyfriend taghha Joshua Grima. Qalet illi din il-karozza qabzithom huma u nezlin 'l isfel. Xehdet illi din il-karozza waqfet quddiemhom. Minnha nizlu zewg guvintur -

wiehed minnhom Joshua Grima, u iehor. Qalet illi dawn bdew jippruvaw, wiehed minn naha u l-iehor minn ohra, jidhlu ghal Eric Farrugia biex jaghtuh. Ziedet illi mbaghad wiehed minnhom – dak li ddeskriviet bhala d-driver, rega' mar fil-karozza u gie lura b'arma f'idu. Dan kien Joshua Grima. Qalet illi hi ma semghet xejn ghax kien hemm dak il-hin hafna storbju, Claire kienet "*hysterical u twerzq u tibki*", (folio 68).

Xehdet illi Joshua Grima pponta l-arma lejhom. Kien faccata taghhom. Dak il-hin hi nizlet taht is-seat u tghid illi ma rat xejn izjed. Mistoqsija jekk semghetx xi haga, qalet illi le ghax kienet qed tipprova ccempel bil-mobile biex tfiehem fejn kienu qeghdin.

Ma kinitx f'posizzjoni li tassocja lil hadd ma' dan l-incident li kien prezenti fl-Awla. Dwar il-guvni li kien in-naha taghha tal-karozza, baqghet insistenti li qatt ma kienet ratu. Ma semghet xejn izjed. Ikkonfermat in kontro ezami li kien Joshua Grima wahdu li kien qed jipponta l-arma lejhom. Qalet illi dak il-hin Claire kienet qed twerzaq u tirriversja. Ikkonfermat illi kemm hi, Claire, u Eric Farrugia qalu l-kliem "*Ser jispara! Ser jispara!*" Ma setghetx tiftakar il-hgieg tal-vettura taghhom kinx imtella'.

Fil-kontro ezami ulterjuri, ziedet issa anzi, illi l-bibien tal-vettura kienu maghluqin (hekk kienet timmagina). Ikkonfermat illi l-vettura kienet two-door u li l-guvintur kienu qed jippruvaw jifthu l-vettura biex jidhlu ghal Eric Farrugia. Xehdet illi l-guvni l-iehor, ghalkemm qatt ma rnexxielu jiftah il-vettura – il-bieba tan-naha taghha, ipprova jiftahha skondtha, ghax hi kienet qed izzomm l-istess bieba. Xorta ma ftakritx jekk il-bieba setghetx kienet imsakkra. Qablet illi qatt ma harget mill-vettura u li hi kienet fis-seat tal-passiggier, Bonello kienet qed issuq u Farrugia kien bil-qieghda fuq wara. Insistiet illi l-guvni l-iehor kien qed jipprova jidhol minn naha taghha ghaliex ratu jmiss, jaqbad il-bieba, jaqbad il-pum. Ikkonfermat ukoll illi meta Joshua Grima telaq minn hdejn il-karozza taghhom, hi ma baqghetx tara lil din il-persuna l-ohra, anke ghax tghid illi ma tatx kazu, stante li l-"*focus*" taghha kien issa biss fuq Grima ghax kellu l-arma f'idu. Ikkonfermat illi hi meta Grima kien qieghed jimmira lejhom, lilu biss rat.

In ri-ezami, spjegat illi huma ma hargux mill-vettura ghaliex kienu qeghdin jibzghu. Mistoqsija dak il-hin setghux jaharbu, wiegbet illi le. Ikkonfermat illi l-vettura setghet tigi rriverjsata.

Xhud okulari ohra kienet is-sewwieqa **Marie Claire Calleja**, li minn naha taghha xehdet ukoll illi kienu hergin minn triq mal-Phoenicia, wara

tieg circa 7.00pm. Tikkonferma li kienet ma' habiba taghha Joanne Bonello u Eric Farrugia. Qalet illi kif hi, is-sewwieqa, harget mill-car park tal-lukanda, rat lill-ex boyfriend taghha go karozza. Tiddeskrivi li bejniethom bdiet 'car chase' (folio 134). Xehdet illi ppruvat tevitah. Qalet illi Grima kien qieghed isuq "*karozza l-ohra,.... silver.*" Iddeskriviet li ghadda minn hdejha u baqa' sejjer, tant illi hi hasbet li kien telaq. Regghet f'daqqa wahda ratu warajha, dahlet lejn il-Water Front, imblukkaha, ghalaqha bil-karozza tieghu, u hareg mill-karozza. Iddeskriviet li l-karozzi gew f'forma ta' "T". Qalet hekk dwar dan:
"*Biex nghaddi ridt nibqa' ghaddejja minn fuqu u kelli nieqaf bil-fors.*" (folio 135).

Ziedet illi Joshua Grima hareg mill-karozza, beda b'hafna tghajjir. Iddeskriviet illi mill-vettura harget ukoll persuna ohra - mill-BMW. Qalet illi fethu l-bieba tad-driver, u ppruvaw ihebbu ghal Eric li kien bil-qieghda fuq is-seat ta' wara. Qalet illi l-ewwel infethet il-bieba tan-naha taghha, imbaghad il-persuna l-ohra marret in-naha tal-passiggier. Identifikat lil dan bhala Marius Scerri l-imputat. Qalet illi filwaqt illi Grima beda jghajjarha u jghid hafna kliem oxxen u jaghti bil-ponn lil Eric, Marius minn naha l-ohra pprova jiftah il-bieba tal-passiggier. Qalet illi minhabba li t-tieqa kienet imnizzla, taw daqqa ta' ponn lil Eric minn hawn.

Dwar l-arma tan-nar qalet illi din ratha cara. Qalet illi Marius beda jghajjat "*Spara! Spara!*", (folio 138), u hawn ippruvat tistartja l-karozza, u semghet tir. Xehdet illi semghet zewg tiri. Qalet illi rat lil Grima jimmira lejn il-karozza, ma ratux jispara. Semghet biss l-isparatura. Ratu jimmira u dawret wiccha biex tirriversja u semghet it-tir. Hadd minnhom ma ntlaqat. Marru l-ghassa tal-Belt. Qalet illi Marius semaghtu jghid biss "*Spara! Spara!*". Kienet taf lill-imputat ghax ratu darbtejn ma' Joshua Grima.

Xehed ukoll **Joshua Grima** li ddikkjara li l-proceduri fil-konfront tieghu kienu ghaddew in gudikat. Qal illi kienet il-gurnata tal-Hadd. Mar jiekol go restaurant u ltaqa' mal-imputat. Qal illi hu kien ghadu kif xtara karozza gdida u kien sejjer lejn id-dar. Kien jaf li Marius kien ghadu zghir u li kien delettant tal-karozzi, u talbu jitla' mieghu sal-Hamrun. Hekk gara. Ikkonferma li hu u tiela' ltaqa' mal-ex girlfriend tieghu Claire Calleja. Qal illi waqqfu l-karozzi u nqala' argument bejniethom. Ikkonferma li hu u l-persuna l-ohra hargu mill-karozza, anke li beda jaghti bil-ponn fuq il-karozza taghha, fejn gie sparat it-tir. Ikkonferma li kien hu li spara l-arma tan-nar. Qal illi dak il-hin ra lil Marius ippanikkjat u kif dahlu fil-karozza biex jitilqu, dan beda jghidlu biex jiehdu d-dar.

Qal hekk fuq l-imputat:
"*Is-Sur Scerri, apparti li kien mieghi fil-karozza, dak il-mument jiena rajtu, apparti l-panic li kien hemm, kien qieghed barra u mbaghad jiena dhalt fil-karozza, rikeb mieghi fil-karozza u dak il-hin beda jghidli "Wassalni d-dar. Wassalni d-dar.*" (folio 148)

Dwar jekk Marius kinx jaf bir-relazzjoni li kien hemm qabel bejnu u bejn Marie Claire, Grima wiegeb illi ma kellux daqstant kunfidenza ma' Scerri, anke ghax hu kien ferm ikbar mill-imputat. Qal illi wara l-argument, Scerri kien iccassat u beda biss jghidlu biex iwasslu d-dar.

Gew ezebiti ukoll mill-Prosekuzzjoni, ir-rizultanzi tal-ezamijiet tal-Gun Shot Residue (GSR) li sar fuq Joshua Grima, Dok MM (folio 117). L-**Ispizjar Mario Mifsud**, imqabbad appozitament, ikkonkluda:

"*Illi ma nstabux particelli ta' gun shot residues fuq swabs li allegatament gew mehuda mill-wicc, l-id il-leminija, il-widnejn, u l-imnieher, imma nstabu zewg particelli ndikattivi fuq swabs li allegatamente gew mehuda mix-xaghar (BaPb – 01) u l-id ix-xellugija (SbBa – 01) ta' Joshua Grima. Dawn is-swabs kienu kollha fid-dokument 631/07/01;*

*Illi nstabu mija u tlieta u sittin particella ndikattiva u tlettax-il particella unika ta' gun shot residues (GSR) fuq swabs li gew mehuda minn fuq il-qalziet (quddiem – SbBa – 01; BaPb – 01; wara – SbBa – 02, SbPb – 01; but xellug SbBa – 01 u but lemin – SbBaPb – 13, SbBa – 157), allegatament ta' Joshua Grima u li kien fid-dokument 631/07/02;*

*Li nstabu disa' particelli ndikattivi fuq swabs li gew mehuda minn fuq il-qmis (quddiem parti ta' fuq – SbBa – 03; quddiem parti ta' isfel – SbBa – 01; pulzier xellug – SbBa – 01, BaPb – 01; pulzier lemin SbPb – 02 u wara BaPb – 01), allegatament ta' Joshua Grima u li kienet fid-dokument 631/07/03.*"

Illi in kontro ezami kkonferma l-**Ispizjar Mario Mifsud** ukoll, illi ebda rizultanzi ta' GSR ma gew konstatati hlief fuq Joshua Grima. Jidher fil-fatt illi hu ezamina biss lil dan.

Xehed minn jeddu l-istess **imputat Marius Scerri**, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni. Qal illi dakinhar tal-incident hu kien niezel mir-restaurant tal-kugin tieghu Lo Squero, il-Belt. Kien hemm illi kien iltaqa' ma' Grima li kien ghadu kif jispicca jiekol. Qal illi hu ha drink ma' dan il-grupp ghax kienu hbieb ta' wiehed mis-sidien tar-restaurant, kuginuh

Isaac. Qal illi hu kien jaf lil Joshua Grima, li kien ukoll hemm, ghax kien rah xi erba'(4) jew hames(5) darbiet ma' kuginuh.

Qal illi mbaghad iddecidew li jmorru jiehdu drink il-Hamrun f'bar tal-familja tieghu. Hu, cioe' l-imputat, ghax delettant tal-karozzi, kif ra BMW M3 gdida, staqsa ta' min hi u jekk setax jirkeb fiha. Din kienet ta' Joshua Grima. Qal illi rikeb ma' Grima u kienu fi triqithom lejn il-Hamrun. Xehed illi f'daqqa wahda ra li Grima nfexx jitkellem hazin u jidghi. Jghid l-imputat illi ma setax jaqbad irkaptu ta' dak illi kien qieghed jigri. Qal illi f'daqqa wahda qala' karozza, ghalih qisu qataghlha t-triq. Grima nizel minn gol-karozza u mar jghajjat u jaghti mat-tieqa tax-xufier tal-karozza l-ohra. Qal illi din l-istorja damet minuta, minuta u nofs. Beda jipprova jara x'inhu jigri mill-mera, wara ftit hareg, jghid illi resaq vicin il-karozza, mar mat-tieqa tal-passiggier, baxxa u dahhal rasu, jghid qisu strah mal-bieba skondtu biex jara x'kien qieghed jaghmel Grima. Qal illi ra lil Grima hdejn it-tieqa jilletika bl-idejn ma' xi hadd li kien bil-qieghda fuq wara tal-vettura. Xehed illi f'daqqa wahda dan dar u telaq lejn il-karozza. Ra lil dan ma dahalx normali fil-karozza, skondtu dahal bir-ras, qisu biex jigbor xi haga. Rah idur u jipponta 'lejn dawk' (folio 197). Ma kinx fil-fatt cert illi kellu arma f'idu. Sema' faqqatura qisha spluzjoni, ghalih qisu sploda tyre.

Xehed illi kif sema' hekk, tefa' idu fuq widnejh u dahal fil-karozza. Jghid illi hawn sema' t-tieni faqqatura. Qal illi dan gie fil-karozza u minn naha tieghu l-imputat beda jghajjat, ippanikkjat, biex jiehdu d-dar. Qal illi wasslu l-Hamrun, u dan qabez minn gol-karozza. Tkellmu fuq dak illi gara ma' kuginuh Olvin. Qal li l-pulizija baghtu ghalih wara tlitt (3) xhur.

Xehed illi Grima ghalaq il-vettura l-ohra qisu gew "T".

In kontro ezami qal illi Marie Claire ma kinitx taf x'kien qieghed jigri, anke ghax kellha bniedem mat-tieqa qieghed jiggieled mal-passiggier ta' wara taghha. Zied ukoll illi kieku hu pprova jiftah il-bieba tal-passiggier kontra mara kien jirnexxielu. Ma eskludix illi tbaxxa mat-tieqa biex jara x'inhu jigri. Innega u kien cert mija fil-mija li hu qatt qal il-kliem biex jinstiga lil Grima biex jispara.

Maghluqa l-provi mressqa mill-partijiet, il-Qorti ghaddiet ukoll biex tisma' t-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Minn naha taghha l-Prosekuzzjoni sahqet hafna fuq dak illi qalet Marie Claire Calleja.

Minn naha l-ohra, id-Difiza tellghet diversi sottosmissjonijiet a kuntrarju ta’ dak illi kien qieghed jigi addebitat lil Marius Scerri, li l-Qorti ser taghmel referenza ghalihom fil-konsiderazzjonijiet taghha.

Tibda l-Qorti b’dak illi bih spiccat id-Difiza, u cioe’ l-mod ghal kollox infelici li bih hija redatta l-ewwel akkuza – u hawn il-Qorti taqbel ghal kollox mad-Difiza. Fil-fatt il-kliem tal-ewwel akkuza, id-dicitura taghha, tant mhumix felici li thalli lill-Qorti li tfittex Hi liema hu d-delitt li ghalih ghandu jirrispondi l-imputat.

Kull Qorti, m’ghandha qatt tkun Hi li tipprova tifhem x’riedet tghid il-Prosekuzzjoni – certament dam mhux xogholha. Huwa wkol dritt sagrosant tal-akkuzat biex ikun jista’ jwassal ahjar id-difiza tieghu, li hu jifhem b’mod car l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi pero, anke jekk il-Qorti tasal biex tifhem ta’ xiex u ta’ liema reat Marius Scerri rrenda ruhu komplici, reat illi jrid jinvolvi, kif redatta l-akkuza, sparatura ta’ arma tan-nar, minn imkien mill-atti ma jirrizultaw dawk l-elementi ta’ xi *common design* illi jwasslu ghal xi komplicita’ f’din l-isparatura. Dan jeskludieh per se l-istess awtur tal-isparatura Joshua Grima nnifsu.

It-tieni mputazzjoni hija dik ta’ assocjazzjoni. Anke f’dan ir-rispett, id-Difiza kellha ragun fl-argument taghha. Per se li tassocja ruhha ma’ xi hadd ghal kommissjoni ta’ xi ghemil, ifisser bil-fors illi hemm pjan u qbil lejn ghan wiehed. Mela element kostituttiv tar-reat tal-assocjazzjoni huwa bil-fors il-ftehim. Frankament dan il-ftehim ma jirrizulta minn imkien mill-provi prodotti.
Jonathan Harring, fil-ktieb Criminal Law, Texts and Materials (Third Edition Oxford) p. 798, jghid hekk dwar l-assoccjazzjoni fir-rigward tal-elementi necessarji:
“

1. *An agreement;*
2. *The agreement must be to pursue a course of conduct that will involve the commission of a crime;*
3. *The parties must intend to do the act which is required for the offence and must intent or know that the circumstances within the actus reus exist.*”

Certament gie ppruvat illi Scerri kien estraneju ghall-hsibijiet li kellu f’mohhu Grima. Hemm qbil illi dan l-incident gara f’minuta jew tnejn; illi anke meta Grima mar ghall-arma, Scerri kien barra mill-vettura u kien estraneju ghall-hsibijiet jew azzjonijiet ta’ Grima; ahseb u ara kemm kien

hemm il-ftehim necessarju li jwassal ghall-*actus reus* – l-isparatura, allura li jwassal ghar-reat.

It-tielet akkuza addebitata hija dik ta’ arrest, zamma u sekwestru ta’ Marie Claire Calleja, Joanne Bonello, u Eric Farrugia. Bla dubbju ta’ xejn, gie ppruvat illi Joshua Grima waqqaf il-karozza tieghu darba l-Water Front, b’tali mod li mblokka l-vettura misjuqa minn Claire Calleja, ghalhekk gew forma ta’ T. Hekk giet imwaqqfa Claire, li pero meta ndunat bl-arma, ghamlet biex tahrab mill-isparar b’manuvra ta’ reverse.

Dawn il-fatti mhux kontestati, pero terga’ u tghid din il-Qorti, illi kien **biss (enfasi tal-Qorti)** Grima li kien qieghed isuq, u kienet biss il-manuvra tas-sewqan illi mpediet, fis-sens illi zammet, lil Calleja milli tkompli fi triqitha. Ghaldaqstant, anke ta’ dan Scerri ma jistax jinstab responsabbli.

L-ahhar akkuza wkoll torbot mal-argumenti gia’ mressqa u anke mal-ewwel wahda gia’ diskussa. Calleja kienet l-unika xhud li fil-fatt xehdet illi Scerri nstiga lil Grima biex jispara bl-uzu tal-kliem “*Spara!” Spara!*” Minn naha l-ohra, Bonello tghid illi sar diskors “*Ser jispara! Ser jispara!*”, u dan minn nies gewwa l-vettura ta’ Calleja, kif ukoll illi kemm hi u Calleja kienu ppanikkjati, li kien hemm ghajjat u konfuzjoni, mentri Grima beda jidghi u joffendiehom u jipponta l-arma. Ma tistax il-Qorti hawn ma tikkunsidrax li hemm dubbju sarx dan id-diskors ta’ “*Spara! Spara!*” minn naha tal-imputat, tenut kont tal-konfuzjoni li nqalghet, jew ahjar illi f’din il-konfuzjoni Calleja setghet ippercepiet dan id-diskors. Jinghad ukoll illi l-istess imputat innega dan kollu.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ftit iktar ghandha xi tghid din il-Qorti, hlief illi tqis illi l-provi mressqa ma jwasslux ghal dak il-grad ta’ prova li trid il-Ligi, u konsegwentement tillibera lil Marius Scerri mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------